MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1640/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C.3177)**

**vs**

**Reno (ID:97775M) u Rita (ID:314074) konjugi Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Awissu, 2004 fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu solidalment bejniethom is-somma ta' sitt mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm685.94) rapprezentanti import fuq tnax-il (12) kambjala, u bilanc ta' wiehed u ghoxrin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm21.98) fuq it-tlettax-il wahda, ilkoll tal-valur ta' hamsa u hamsin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm55.33) il-wahda, kopji annessi u mmarkati bhala Dok.A sa Dok.G u skaduti**

**kull xahar bejn it-13 ta' Lulju, 2003 u t-13 ta' Lulju, 2004 (inkluzi);**
**Interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Marzu, 2004 (Dok.H), il-konvenuti baqghu nadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Marzu, 2004, u bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) per annum, mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, sal-gurnata tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Ottubru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux ghalkemm ingunt in subizzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu meqjusa bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu solidalment bejniethom is-somma ta' sitt mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm685.94) lis-socjeta` attrici bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sal-gurnata tal-pagament effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Marzu, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------